MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 33/2011

Carmel u Catherine konjugi **MIFSUD**

vs

Louis **CUSCHIERI** u Maria Dolores Cuschieri

**Il-Qorti:**

Reġghet rat ir-Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti fil-31 ta' Jannar, 2011;

Tqis li l-Mandat li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum huwa Mandat Ezekutiv:

Tqis li l-proċedura biex wieħed jattakka Mandat bhal dak m'hijiex dik li nqdew biha r-rikorrenti f'dan ir-Rikors;

Tqis li, kif sewwa jgħidu l-intimati fit-Tweġiba tagħhom, ir-Rikors tal-lum huwa irritu u ma jiswiex;

Fiċ-ċirkostanzi, u bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor mogħti lir-rikorrenti eżekutati;

Tiċħad it-talbiet, bl-ispejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------